Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 22/2016

**Vincenza Micallef ghan-nom ta' Garett Joseph Micallef (appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. Permezz ta' avviz datat 13 ta' Frar 2015 li ntbaghat lill-minuri Garett Joseph Micallef, l-appellant infurmah: *"Inti gentilment infurmat li jirrizulta li thallast zejjed is-somma ta' EUR 8,929.13 fil-GHAJNUNA SOCJALI li rcevejt minn dan id-Dipartiment kif jidher hawn taht…."*, u dan ghall-perjodu 16 ta' Frar, 2013 sat-13 ta' Frar 2015. Ir-raguni li nghatat kienet minhabba li l-minuri ma kienx kap tal-familja.

2. L-appellata pproponiet appell quddiem l-Arbitru li b'decizjoni tas-6 ta' April 2016 laqa' l-appell wara li kkunsidra:

   *"Illi rrizulta li d-Dipartiment baqa' jhallas bi zball l-allowance tat-tfal anke jekk huma kienu jhallsu child in care benefit. Dan kien zball amministrattiv ghaliex kienu konxji li l-Agenzjia Appogg kienet applikat f'isem Vincenza Micallef ghall-beneficcju tal-minuri Garett Joseph Micallef. Ghalhekk id-Dipartiment talab ir-rifuzjoni tal-hlas zejjed ghall-perjodu ta' 104 gimghat, jigifieri mis-16 ta' Frar 2013 sat-13 ta' Frar 2015 minflok ghall-perjodu kollu li thallas l-Ghajnuna Socjali.*

   *Illi dan huwa kaz fejn in-nanna tal-beneficjarju hadet ir-responsabbilta li tara lin-neputi taghha jikber f'ambjent san minflok ma' ommu f'ambjent sfortunatament xejn felici fejn omm il-minuri ghandha problema serja ta' abbuz ta' drogi u attivitajiet ohra relatati biex tiffinanzja dan il-vizzju.*

   *Il-ligi hija cara u tghid ai termini tal-artikolu 102 tal-Kap. 318 li d-Direttur Generali ghandu jigbor kull ammont imhallas zejjed f'kaz li jkun ir-rizultat ta' zball amministrattiv, kif inhu l-kaz odjern, ma jistax jeccedi l-perjodu ta' 104 gimghat b'lura.*

   *Madankollu huwa fil-kompetenza li meta jigi biex jiggudika l-Arbitru ghandu ukoll jibbaza d-decizjoni tieghu fuq bazi ta' ekwita u ghalhekk iheggeg lid-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali li juza d-diskrezzjoni tieghu u jiddipartixxi mill-prekoncetti legalistici u f'dan il-kaz verament eccezzjonali juzaha biex l-ammont li qieghed jintalab lura ma jingabarx……*
   *Ghalhekk tenut kont tad-dokumentazzjoni kollha prodotti u tax-xhieda moghtija l-Arbitru huwa tal-fehma li dan il-kaz b'cirkostanzi daqstant eccezzjonali u unici u ta' fejda ghall-minuri, dan l-appell qieghed jigi kkunsidrat bhala wiehed gustifikat u jimmerita li d-decizjoni tad-Direttur Generali tigi riveduta".*

3. L-appellant appella u l-aggravju hu li l-Arbitru naqas milli japplika dak li jiddisponi l-Artikolu 76A tal-Att dwar is-Sigurta Socjali. Skont l-appellant:

*"Fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 76A, meta Vincenza Micallef applikat ghall-Foster Care Allowance (allowance dwar tifel jew tifla fil-kura) u l-applikazzjoni taghha giet accettata, saret hi l-kap tal-familja u kien ghalhekk li l-Ghajnuna Socjali twaqqfet ghaliex bl-applikazzjoni taghha uriet li hemm bidla fil-kap tal-familja u fil-fatt saret hi l-kap tal-familja u mhux iktar it-tifel. Gahlhekk id-Dipartiment ma seta' qatt ikompli jaghti ghajnuna socjali lit-tifel meta kien evidenti li t-tifel fil-kura tal-kuranti, liema kuranti huwa l-kap tal-familja, ma jista' qatt ikun kap tal-familja wkoll"*.

4. L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. Il-minuta fil-file tad-Dipartiment iffirmata mid-direttur tal-beneficcji non-kontributorji tghid li r-rifuzjoni lid-Dipartiment ghall-perjodu ta' mija u erbgha (104) gimghat, hi dovuta ghaliex *"…. According to Article 76A, a foster child is considered as forming a part of the H/H of his foster parents, therefore not to be considered as a separate H/H (Vide Red 28b highlighted part)"*.

   ii. Il-qorti tibda biex tosserva li skont l-Artikolu 76A tal-Kap. 318 meta tkun dovuta allowance taht dik id-disposizzjoni, *"… m'ghandha tithallas ebda allowance taht l-artikolu 76"*. Il-hlas li kien qieghed isir lill-minuri ma kienx ta' *children's allowance* taht l-artikolu 76. Fatt li l-appellant jaqbel dwaru tant li fir-rikors tal-appell qal, *"13. Illi ghal kull buon fini, fid-decizjoni tieghu, l-arbitru ma kienx korrett meta qal li d-Dipartiment baqa' jhallas bi zball l-Allowance tat-Tfal ghaliex kienet ghajnuna l-ghajnuna socjali li baqghet tithallas bi zball lil Vincenza Micallef u mhux l-Allowance tat-Tfal"*. L-appellant m'ghamel riferenza ghall-ebda disposizzjoni li tghid li meta tithallas l-*allowance* li tissemma fl-artikolu 76A, jieqaf il-beneficcju socjali.

   iii. B'xi mod l-appellant kien iccertifika lill-minuri bhala kap tal-familja, u kien dak li wassal sabiex il-minuri jibda jithallas l-ghajnuna socjali. Skont l-artikolu 2:

   *"familja tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja"*.

   *"kap ta' familja dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja"*.

   Meta tqies dawn it-tifsiriet, il-qorti ma tifhimx kif id-Direttur wasal biex jikkonkludi li l-minuri kien kap tal-familja. Hu ovvju li l-minuri ma kienx ighix wahdu u meta beda jircievi l-ghajnuna socjali kien qieghed

jitrabba min-nanniet materni. Fatti li jirrizultaw mill-applikazzjoni li kienet saret f'April 2005 ghall-ghajnuna socjali, u fejn jinghad: *"l-applikant hu tifel ta' 3 snin li qieghed jghix man-nanniet tieghu ghax ommu taghmel abbuz mid-droga. Mehmuz ghandek dokument legali u B.C. tat-tifel"*. Taghrif li nkiteb mill-*welfare officer*. F'dan ir-rigward kien hemm ukoll digriet tal-Qorti tal-Familja (14 ta' Marzu, 2005) li akkorda l-kura u kustodja tal-minuri lill-appellata u zewgha Raymond Micallef. Dan hu t-tieni dokument li jinsab fil-file tad-Dipartiment (R2), u min-nota tal-*welfare officer* hu evidenti li kien mehmuz mal-applikazzjoni. Madankollu hu evidenti li d-Direttur uza d-diskrezzjoni u ddecieda li l-minuri kien kap tal-familja u beda jhallsu l-ghajnuna socjali. Tant hu hekk li fit-twegiba li pprezenta quddiem l-Arbitru, iddikjara: *"Illi din l-ghajnuna kienet inghatat lill-appellant tramite l-amministratur ghaliex* ***id-Direttur kien qies lill-appellant[1] bhala kap tal-familja****"*. Decizjoni li mhijiex oggett tal-kaz tal-lum.

iv. Issa d-Direttur qieghed jinqeda bl-Artikolu 76A tal-Kap. 318 sabiex jirkupra dak li thallas lill-minuri bhala ghajnuna socjali matul il-perjodu 16 ta' Frar 2013 sat-13 ta' Frar 2015, billi jsostni li l-minuri mhuwiex il-kap tal-familja u ghalhekk ma kellux dritt jircievi l-ghajnuna socjali. Fil-fehma tal-qorti l-mod kif qieghed jirraguna l-appellant hu ghal kollox inkonsistenti mal-mod kif irraguna meta ddecieda li l-minuri kien kap tal-familja. Meta l-appellant iddecieda li l-minuri kien kap ta' familja, kien diga' jifforma parti mill-familja tan-nanniet materni in kwantu kien ighix u qed jitrabba minnhom. Ghalkemm l-appellant kien jaf li l-minuri kien qieghed jitrabba min-nanniet materni u kien fil-kura u kustodja taghhom[2], iddecieda li l-minuri kien kap tal-familja. Il-qorti ma tara l-ebda tibdil ta' cirkostanzi bejn minn meta l-minuri kien beda jircievi l-ghajnuna socjali ghal meta bdiet tithallas l-allowance taht l-Artikolu 76A. Il-minuri kien u baqa' taht il-kura u kustodja tan-nanniet materni u baqa' jifforma parti mill-istess *household*. F'dan ir-rigward hu fqir l-argument tal-appellant li l-ghajnuna socjali baqghet tithallas minhabba zball. Kien l-appellant stess li ddecieda li l-minuri kien kap tal-familja, ghalkemm it-tifel kien jifforma parti mill-familja li qeghda trabbieh. Dan zgur li ma kienx zball min-naha tal-appellant. Hu evidenti wkoll li matul is-snin il-minuri baqa' jigi kkunsidrat mill-appellant bhala l-kap tal-familja tant li kompla jhallsu l-ghajnuna socjali. Il-fatt li bdiet tithallas l-allowance kontemplata fl-artikolu 76A ma jfissirx li *ex lege* l-minuri tilef l-istatus ta' kap tal-familja li l-appellant stess kien tah, f'cirkostanzi li baqghu identici ghal dawk li kienu meta l-minuri nghata l-istatus ta' kap tal-familja.

---

[1] Qed jirreferi ghall-minuri.
[2] B'digriet tal-qorti u wkoll effettivament.

6. Ovvjament m'hemm xejn milli jzomm lill-appellant milli jirrevedi d-decizjoni li kien ha meta ddecieda li l-minuri hu kap tal-familja u beda jhallsu l-ghajnuna socjali. Pero' tali decizjoni m'ghandhiex ikollha effett retroattiv, gialadarba dan ma kienx kaz fejn il-minuri kien qieghed jircievi hlas li ma kellux dritt ghalih.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.